**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-28 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru : 255/2020 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**PC**

**vs**

**RA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' PC datat 10 ta' Awissu 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata, RA, fil-Knisja Parrokjali ta' Santa Katerina, z-Zurrieq, fl-erbgha u ghoxrin ta' April elf disa' mija tmienja u disghin (24/04/1998). Anness ic-certifikat taz-zwieg (Dok 'A');*

2) *Illi, minn dan iz-zwieg twieldet tifla, A, f'X;*

3) *Illi r-rikorrent u martu l-intimata sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, in atti tan-Nutar Katya Bezzina, datat tmienja ta' Lulju elfejn u sittax (08/07/2016), liema kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tinsab hawn esebita u mmarkata bhala Dok 'B';*

4) *Illi llum il-gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrent jirrikoncilja mall-intimata, u dan stante li ilhom ghal dawn l-ahhar erba' snin (4) separati minn xulxin u kif ukoll jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

5) *Illi, in oltre, ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju stante li l-partijiet irrinunzjaw b'mod reciproku ghad-dritt tal-manteniment fil-konfront ta' xulxin, mentri ghar-rigward tal-manteniment ta' bintu, r-rikorrent obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar, skont l-imsemmi kuntratt, liema manteniment dejjem thallas puntwalment mir-rikorrent. Ghalhekk ir-rikorrent ma ghandu l-ebda pendenza ghall-hlas tal-manteniment ghall-bintu fil-konfront tal-intimata;*

6) *In oltre, r-rikorrent qieghed jipprezenta l-Affidavit tieghu, liema Affidavit jinsab esebit u mmarkat bhala Dok. 'C';*

7) *Illi r-rikorrent jixtieq li jottjeni d-divorzju u jabel li ż-żwieġ tieghu mal-intimata għandu jiġi maħlul;*

8) *Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent qieghed umilment jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejnu u l-intimata martu, RA u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom, celebrat fl-erbgha u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (24/04/1998), maħlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u ghalhekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega f'dan is-sens u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, l-intimata dehret minghajr assistenza legali u wara li l-Qorti spjegatilha d-drittijiet legali taghha, ddikjarat illi ma tehtiegx assistenza legali u li mhux qed topponi ghad-divorzju kemm-il darba il-kuntratt tas-separazzjoni jibqa in vigore.

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**PC xehed** (vide affidavit a fol 12, dok C) illi huwa zzewweg lil martu RA fl-24 ta' April 1998, u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, illum maggiorenni. Sostna illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 8 ta' Lulju 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Katya Bezzina. Iddikjara ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Ikkonferma illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment u li m'ghandux oggezzjoni li jhallas l-ispejjes kollha tal-proceduri odjerni.

**RA xedhet** (vide fol 21 et seqq.) fejn ikkonfermat u kkollaborat ma dak li xehed PC.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih***

***preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' April 1998 liema zwieg ghandu certifikat numru 430/1998 (Dok A fol 4). Minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifla unika, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Katya Bezzina, datat 8 ta' Lulju 2016 (vide Dok.B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg, liema zwieg ghandu certifikat numru 430/1998 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**